# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**John Pace**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **John Pace** ID 593463M u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli nhar l-1 ta' Jannar 2015 għall-ħabta tat-18:43 f'dawn il-Gżejjer :

a. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel reat u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Inġurja jew hedded b'mod li mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni li Doris Pace u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti intalbet biex toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Doris Pace.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli partijiet f'dan il-każ;

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni dan ir-reat huwa dak ipotizzat mill-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jippenalizza l-azzjoni ta' min jhedded li jagħmel xi reat. F'dan il-każ il-kliem li intqal kien jammonta għal theddid pero minn imkien ma jirriżulta li kien theddid ai termini tal-Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-banda l-oħra l-kliem mistqarr kien jammonta għal theddid fis-sens tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

# DECIDE

Li wara li rat l-Artikoli 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lil John Pace

mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għal xahar priġunerija.

***Mogħtija illum is-6 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***